## *Minn Ġrajjiet il-Qala*

# DJAR ANTIKI FIN-NAĦAT TAL-KUNĊIZZJONI

*Minn ANTON BUTTIGIEG, P.E.P.*





***Kalati - prova ta' abitazzjoni pre-istorika***

**Il-bniedem kien jgħix fir-raħal tagħna sa mill-bidu nett tal-preistorja rreġistrata f'Malta. Il-kalati fin-naħat ta' Ras il-Qala jixhdu l-presenza tal-bniedem u l-ħajja kummerċjali tiegħu f'żona abitata; infatti, xi ftit xhur ilu grupp ta' tfal mill-parroċċa sabu kwantità ta' biċċiet żgħar ta' fuħħar antik li kien imxerred fuq il-blat u fil-ħamrija fejn hemm il-kalati; dawn illum ġew miġbura u esibiti f'waħda mill-vetrini tal-Mużew Parrokkjali li qed jiġi mtella' fis-sagrestija tal-Knisja Arċipretali tal-Qala. Il-preżenza tad-"deffuna" qrib il-kalati hija prova oħra tal-kwantita' kbira ta' fuħħar li matul is-snin kien jinstab fl-istes inħawi u li kien jiġi mfarrak trab bħala deffun għall-bjut tad-djar.**

Il-kalati huma mdawra wkoll b'ħafna ħitan tas-sejjiegħ iffurmati minn ġebel tal-qawwi, ħafna akbar minn dak li normalment naraw f'ħitan tas-sejjiegħ komuni. Kollox ma' kollox, wieħed żgur li jieħu l-impressjoni li f'dawn l-inħawi kienu jeżistu wħud mid-djar ta' dawk in-nies bikrin fl-istorja ta' pajjiżna, qrib ħafna tal-post fejn eluf ta' snin wara nbena s-Santwarju tal-Kunċizzjoni... forsi wkoll mill-istess ġebel kbir u qawwi li kien hemm qrib il-kalati, ta' djar antiki preistoriċi.

Huwa fatt storiku li fl-inħawi tal-Kuncizzjoni kienu jgħammru wkoll il-Kartaġiniżi, li razzithom ikkolonizzat il-gżejjer Maltin fis-sekli seba' u tmienja qabel Kristu.



*Deffuna - Xhieda ta' djar antiki fi Żmien il-Bronż*

Xhieda ta' dan huma l-oqbra puniċi li nkixfu fi Triq il-Kunċizzjoni fis-sena 1964. U mal-medda taż-żmien, fis-snin ta' wara l-miġja ta' Kristu, inbena s-Santwarju; u madwaru u fil-qrib tiegħu telgħu ħafna djar li fihom kienu jgħixu xi nies. Ma setgħax jonqos li Santwarju b'devozzjoni hekk kbira reġistrata f'dokumenti storiċi ma kellux nies joqogħdu qrib tiegħu. Biżżejjed insemmu x-xhieda ta' l-istoriku Patri Manduca qrib is-sena 1600 u l-Visti Pastorali ta' l-Isqof Gargallo (1591), ta' l-Isqof Cagliares (1630) u l-Isqof Balaguer (1634 u 1635).

## TLIET MITT SENA ILU

**Li tliet mitt sena ilu, jiġifieri fl-1687, kien hemm numru ġmielu ta' djar fil-Qala nsibuħ dokumentat fil-kitba ta' l-Isqof Cocco Palmieri ta' l-erba' ta' Mejju ta' dik is-sena, meta, wara li għamel il-Vista Pastorali tiegħu f'Għawdex iddeċieda li jwaqqaf erba' parroċċi ġodda fil-gżira: waħda fiż-Żebbuġ, oħra fix-Xagħra, oħra f'Sannat, u oħra fil-Qala. F'dik il-kitba storika l-Isqof isemmi "djar" li kienu erba' mili jew aktar 'l bogħod mill-Knisja Matriċi tar-Rabat (illum il-Katidral):** *"Parochianorum habitationes dispersae per totam insulam in distantia plus minus usque ad quatuor miliaria et ultra".*

Li dawn id-djar, erba' mili jew aktar 'l bogħod mir-Rabat, kienu d-djar tal-Qala ġie konfermat mill-istess Isqof Cocco Palmieri fil-Vista Pastorali li reġa' għamel lill-parroċċa tal-Qala għaxar snin wara, jiġifieri fis-sena 1698. Dan ir-raħal tal-Qala, kiteb l-Isqof, "hu madwar erba' mili bogħod mir-Rabat" - "quatuor miliaria circiter a capo *huius Insulae distantem".* M'hemmx dubju li Cocco Palmieri kien qed jirriferi għad-djar li dak iż-żmien kienu mxerrdin mar-raħal tagħna, speċjalment għal dawk l-aktar qrib tas-Santwarju.

L-għan ta' din il-kitba tiegħi hu li nagħti xi tagħrif dwar uħud minn dawk id-djar qodma li semma' l-Isqof. Għaxriet u għaxriet minnhom għadhom jeżistu, uħud f'kundizzjoni tajba ħafna u oħrajn imġarrfin bil-kedda taż-żmien, imxerdin f'diversi nħawi ta' raħalna. Huma djar ta' l-istess stil, imtellgħin bl-istess kwalità ta' materjal u mibnija bl-istess sengħa. F'xi uħud minnhom għadhom joqogħdu n-nies.

## IL-KANONIKA L-ANTIKA JEW "IT-TORRI"

Din id-dar hi antika ħafna, għalkemm mid-dehra tagħha minn barra ma tidhirx li hija l-eqdem waħda minn dawk li fadal ta' żmien it-twaqqif tal-parroċċa. Tinsab faċċata tas-Santwarju, fil-pjazza żgħira hemm quddiemu. Nafu li matul is-snin diversi drabi saru xi tibdiliet żgħar fiha. Sal-ġurnata tal-lum ħafna min-nies tar-raħal għadhom isejħulha "It-Torri". L-għoli tagħha u l-forma tal-bini jindika li oriġinarjament kienet tassew torri ta' l-għassa, bħal ħafna oħrajn li kien hawn imxerrda ma' pajjiżna.

Il-professur Andrew P. Vella, fl-istorja tiegħu ta' Malta jsemmi "It-Torri ta' San Bjagju fil-Qala" (cfr. Vol.II, p.311). Billi nafu li fil-Qala kien jeżisti torri ieħor fit-tramuntana tar-raħal, ma nafux sewwa għal-liema wieħed minnhom kien qiegħed jirreferi b'dan l-isem. Waqt li t-torri jew kanonika fil-pjazza tal-Kunċizzjoni għadha sħiħa, mit-torri l-ieħor baqa' biss ftit ġebel tal-pedamenti jew bażi; iżda r-raba li hemm warajh għadu sal-lum magħruf bħala r-raba "tat-torri", waqt li r-raba tal-parroċċa li hemm quddiem u wara l-kanonika l-antika ħdejn is-Santwarju huwa magħruf u reġistrat bħala "ta' quddiem it-torri" u "ta' wara t-torri" (Cabreo, A.P.Q.).

**Fil-Vista Pastorali tas-26 ta' Ottubru 1699, l-Isqof Cocco Palmieri wkoll isemmi l-kanonika jew dar tal-kappillan bħala "It-Torri". Infatti, kif wasal il-Qala waqaf għal ftit fit-"Torri"** - *"facta brevi mora in Turri"* **- fejn libes ir-rokkett u l-mozzetta, imbagħad mar fis-Santwarju. Wara li qaddes hemm u għamel il-Vista Pastorali, reġa' mar fit-Torri:** *"cum esset hora meridien se recepit ad Turrim".* **Hemmhekk għamel l-ikla ta' nofs inhar u aktarx li striħ ukoll għal xi ftit tal-ħin.**

Ta' min jinnota li fil-faċċata tagħha, fuq fil-għoli, din id-dar għandha "coat of arms", aktarx ta' xi Isqof jew Gran Mastru, minquxa fil-ġebla. Jeħtieġ li din l-arma tiġi diċiferata. Ftit xhur ilu xi uffiċċjali tal-Mużew Nazzjonali, fosthom Dr. Gouder u l-professur Bonanno ta' l-Università ta' Malta, ġew il-Qala biex jeżaminaw ġibjun qadim li nkixef taħt l-oqbra taċ-Ċimiterju tagħna, ħdejn il-ħajt tan-nofs inhar tas-Santwarju, fejn l-ispiera, waqt ix-xogħol tat-tkabbir li qiegħed isir bħalissa fl-istess ċimiterju. Kif spiċċaw mill-istudju tal-ġibjun, eżaminaw ukoll il-graffiti antiki mal-ħajt tas-Santwarju u lemħu l-



*Era tal-Parroċċa - Il-Kanonika Antika*

arma fil-faċċata tal-kanonika. Għal ħin twil tkellmu dwarha, imma billi qegħda fil-għoli ħafna ma setgħux jeżaminawha aktar bir-reqqa.

F'din id-dar kien joqgħod il-Kappillan Dun Bernard Haber wara li l-Qala ġiet imwaqqfa parroċċa fl-1688. Minn hemm tmexxiet il-parroċċa għal diversi snin. Kif ġa' għidna, maż-żmien saru xi tibdiliet fil-bini tagħha. Hekk per eżempju, Dun Galandri Seychel fis-sena 1745 rranġaha u bidilha f'"Dar tal-Pellegrini" għall-kumdità ta' dawk in-nies li kienu jiġu mill-bogħod biex iżuru s-Santwarju. Illum il-kanonika għadha fi stat tajjeb ħafna; ftit ilu sarulha xi tiswijiet fil-faċċata. Tagħmel parti mill-prebenda ta' l-Arċipriet tal-Qala, u hija mikrija lil żewġ familji.

## "ID-DAR TAR-RAHEB jew "TAS-SAGRISTAN"

Ħdejn il-kanonika hemm dar oħra żgħira, imdawra b'ħajt tas-sejjiegħ u bil-bieb tagħha jagħti għat-triq tat-telgħa tal-purċissjoni, magħrufa bħala d-"Dar tar-Raheb" jew "Tas-Sagristan". Hi antika ħafna u għandha bżonn tiswija bil-għaqal. Tikkonsisti f'kamra waħda kbira bir-raf fuq il-ħnejjiet, u għandha ħdejha xi għerien żgħar mħaffra fil-blat fil-bitħa tagħha. Il-bieb tal-kamra jagħti lejn il-faċċata tas-Santwarju, għalkemm illum is-siġar tal-bajtar igħattuh u jostruħ mill-veduta tal-pjazza tas-Santwarju.

Isem din id-dar antika jfakkarna fil-famuż San Kerrew, "ir-Raheb tal-Qala", Jista' jkun li l-eremit kien għammar fiha għal xi żmien meta kien joqgħod qrib is-Santwarju, u forsi għalhekk in-nies mal-medda tas-snin baqgħu jsejħulha "Id-Dar tar-Raheb". Iżda hu possibbli wkoll li ħadet dan l-isem billi kien jużaha bħala abitazzjoni xi qassis minn dawk li kienu jieħdu ħsieb is-Santwarju fl-imgħoddi mbiegħed, aktarx qabel ma nbena t-"Torri". Il-kelma "Raheb" fl-antik kienet tirreferi wkoll għal "qassis" jew "reliġjuż". Mill-istil tal-ġebla fil-bini ta' din id-dar, m'hemmx dubju li hija waħda mill-aktar antiki fin-naħat tas-Santwarju. Hemm min jaħseb ukoll li hija antika daqs l-istess Santwarju, u setgħet inbniet miegħu fl-istess żmenijiet.



Tissejjaħ ukoll id-dar jew kamra "Tas-Sagrestan", għaliex aktarx li mat-twaqqif tal-parroċċa fl-1688 f'din id-dar beda' joqgħod is-sagrestan tas-Santwarju Parrokkjali, qrib ħafna tal-ewwel kappillan li beda' joqgħod fil-kanonika jew "It-Torri". Jidher għalhekk li l-isem "Tas-Sagrestan" huwa aktar reċenti minn dak ta' "Id-Dar tar-Raheb". Żgur li kienet dar abitata. F'dawn l-aħħar snin kienet mikrija lir-raħħala u serviet bħala razzett jew maqjel żgħir. Fiha għadek tilmaħ il-maxtura tal-bhejjem u diversi oġġetti użati minn raħħala. L-art tagħha hija miksija b'torba qadima u l-ħitan ta' ġewwa huma mbajda kulur kaħlani.

Hemm il-ħsieb li fi żmien qasir din id-dar storika tiġi restawrata biex tintuża bħala Mużew għas-Santwarju tal-Kunċizzjoni. Hija wkoll tagħmel parti mill-prebenda ta' l-Arċipriet tal-Qala.



*"Dar tar-Raħeb jew il-Kamra tas-Sagrestan"*



## "IL-FORNA"

B'dana l-isem hija magħrufa dar oħra antika fil-bidu tat-"Telgħa tal-Mannija", min-nies tal-qrib. Hi dar kbira b'ħafna taqsimiet, u għadha ta' l-istess għamla ta' meta nbniet, għalkemm f'xi partijiet żgħar minnha jidhru xi żidiet, bidliet, jew tiswijiet reċenti. Hekk per eżempju l-ħitan tal-faċċata u kamra żgħira fuq il-kamra tal-forn. Il-forn innifsu jidher li għadu oriġinali, mistur fid-dlam tal-kamra u mxarrab bl-umdità. Sa' ftit xhur ilu, dan il-forn kien magħluq bil-ġebel li aktarx tqiegħed hemm f'dawn l-aħħar ħamsin sena biex jevita annimali li jidħlu fih; għax f'dawn l-aħħar snin din id-dar ukoll serviet ta' razzett jew maqjel żgħir.

Skond it-tradizzjoni antika tan-nies tar-raħal, f'dan il-forn kien imur San Kerrew jitlob xi ftit ħobż għall-ikla tiegħu. "Ir-Raheb tal-Qala" aktarx kien bniedem vegetarju (jiekol biss mill-ħxejjex li forsi hu stess kien iħawwel), u jista' jkun li f'dan il-forn antik kien jieħu d-dqiq li hu stess kien jitħan biex jagħmluhulu ħobż. Tradizzjoni oħra antika marbuta ma' l-istorja ta' Kerrew tgħidilna li meta l-ewwel darba ġie l-Qala, wara li ħarab minn idejn ir-raħħala ta' Wied il-Għasel (cfr. "Ir-Raheb tal-Qala", ktieb li ħriġt is-sena l-oħra), daħal jistriħ u jitrejjaq ġewwa forn qrib is-Santwarju, u n-nies tagħna laqgħuh bil-qalb. Forsi għalhekk għadek issib ukoll min isejjaħ din id-dar "Il-Forna ta' San Kerrew" fost in-nies tal-Kunċizzjoni.

"Il-Forna" illum hija mitluqa u traskurata, għalkemm jidher li sa ftit snin ilu kienet isservi ta' maqjel. Għadha tidher il-maxtura ta' l-injam u x-xatba ta' kamra oħra ġewwa; jidhru wkoll xi fdalijiet u rimazulji oħra, għodda tar-raħħala. It-tiġrif serju tal-ħitan u tas-saqaf, u l-kundizzjoni ħażina tad-dar u tal-bitħa magħha, jagħmluha perikoluża ħafna biex tidħol fiha. Dnub li dar antika bi tradizzjoni u storja bħal din qegħda tinqered maż-żmien. Tgħid għad narawha tiġi restawrata u kkurata?!



*"Il-Forna ta' San Kerrew" - faċċata*



*Il-forn antik tal-"Forna"*



Dar tal-Benefizzju minn wara



Il-Lapida fuq id-dar tal-Benefizzju

## "ID-DAR TAL-BENEFIZZJU"

Ftit aktar il-fuq mill-Forna fit-telgħa "Tal-Mannija" hemm dar oħra antika fi sqaq jew passaġġ twil li jieħu għaliha. Anke din hi dar oħra kbira, b'diversi taqsimiet, u li fiha jgħixu żewġ familji. Tidher li għandha snin fuqha daqs il-Forna jew aktar. Din id-dar hija parti minn benefizzju antik imsejjaħ "Ta' l-Abbazija ta' Sant'Anton", aktarx ta' reliġjużi Benedittini. Sal-lum għadu jinġabar il-ħlas ta' qbiela fuq bċejjeċ kbar ta' raba u ċnus li huma dovuti qrib Santa Marija lil xi ordni ta' sorijiet f'Malta, u li sa' sentejn ilu kienu jinġabru permezz ta' saċerdot Malti f'isem l-ordni. Dawn iċ-ċnus fuq raba u djar jinsabu kollha fin-naħat tal-Kunċizzjoni, u d-"Dar tal-Benefizzju" tagħmel parti minnhom.

Interessanti ħafna l-fatt li fuq wieħed mill-bibien ta' din id-dar hemm lapida tal-ġebel bi skrizzjoni aktarx dwar l-istess fundazzjoni tal-benefizzju. Tidher kemmxejn data, aktarx qrib is-sena 1600; diffiċli ħafna taqra din l-iskrizzjoni, għax il-medda taż-żmien u l-melħ kielu l-ġebla safranija tal-franka. Kien hemm ukoll għidut li din id-dar kienet isservi ta' Qorti f'xi żmien antik, imma s'issa għadha ma nstabet l-ebda prova jew dokumentazzjoni dwar dan. Id-dar hija miżmuma fi stat tajjeb ħafna.

## ID-DJAR TAL-MANNIJA

"Mannija" aktarx li hu laqam ta' xi bniedem jew familja li kienu joqogħdu f'dawn l-inħawi. It-triq hija dawra b'żewġ tlajjiet, tibda' mnejn is-Salib tat-triq quddiem is-Santwarju għal fuq għolja żgħira. Għalhekk semmewha "Triq is-Salib" (Cross Street), iżda fil-lingwaġġ tan-nies tagħna hi magħrufa bħala "It-Telgħa tal-Mannija". Fuq, f'ras it-telgħa, fejn it-triq iddur lejn nofs inhar bl-istess isem "Triq is-Salib" u tinżel żigużajg lejn il-misraħ ta' quddiem is-Santwarju, insibu numru ta' djar qodma wisq.

Ta' min josserva hawn fuq id-dar msejħa. "Il-ħanut tax-Xirmi" bil-bibien baxxi ħafna fil-kantuniera tat-triq,





*Dar Antika illum maqjel fuq Tal-Mannija*



*Id-"Dar ta' l-Iżraq"*

quddiem il-ġebla tal-vit ta' l-ilma. Il-ġebel antik tagħha fl-ewwel sular jixbaħ ħafna lil dak tas-Santwarju. Fuq in-naħa ta' wara l-vit, hemm dar oħra antika ħafna, moħbija wara ħajt tas-sejjiegħ, u li llum isservi bħala maqjel; il-ġebel u l-istil tagħha juri li din id-dar għandha sekli sħaħ fuqha u għadha soda u sħiħa. Dar oħra kbira u sabiħa, imperrċa fl-għoli tal-Mannija u qrib ħafna tal-maqjel wara l-vit, hija dik imsejħa "Ta' l-Iżraq". Din id-dar tassew antika qegħda fil-bidu tat-triq li tieħu għal "Fuq il-Wileġ", u għandha wkoll għar żgħir taħtha, mħaffer fil-blat u miftuħ għat-triq. Hija dar li ġġennen lill-barranin li jiġu jfittxu xi residenza antika, arjuża, u maqtuha għaliha, b'veduti eccezzjonali dawra mejt magħha. Dnub li dar kbira u sabiħa fl-istil antik tagħha bħal din tinsab abbandunata u traskurata.

## DJAR OĦRA MIFRUXIN

Semmejt dawn id-djar u tajthom importanza kbira għaliex huma qrib ħafna tas-Santwarju. Bħalhom hemm ħafna oħrajn mifruxin fl-għelieqi fl-istess naħat tal-Kunċizzjoni, u għexieren ta' oħrajn ta' l-istess stil mifruxin mat-trufijiet u n-naħat l-oħra tal-Qala. Ħafna minn dawn id-djar huma mibnija bil-ġebel ibleh u bil-kantunieri tal-franka maħdumin. Tara minnhom ġol-Wied tal-Marġa, fil-Wardija, fin-Naħat tas-Simar, fuq il-Wileġ u fil-wied Ta' Kordina.

Tliet eżempji oħra sbieħ li nista' nsemmi ta' dawn id-djar antiki huma dawn: (1) Id-"Dar taċ-Ċombos", li għadha sħiħa u għandha stil uniku bit-tarag quddiemha; (2) "Id-Dar tal-Lenġikk" fit-triq il-Wileġ, imġarrfa parti sewwa minnha; (3) Id-dar "Ta' Dandalona", aktarx ta' familja nobbli Taljana, illum imġarrfa għal kollox. Jidher li l-ewwel sidien ta' dawn id-djar m'għażlux addoċċ il-post fejn bnewhom. Il-veduta madwarhom hija waħda li ssaħħrek; lejn il-punent għandek il-medda ta' nofs Għawdex, u l-bqija mdawwar bil-baħar mifrux sa l-orizzont, dejjem sabiħ kemm fil-bnazzi kemm fil-maltemp meta juri l-qilla tiegħu. Minn hemm Malta tidher kollha kemm hi minn tarf għall-ieħor, mimduda qisha fil-mistriħ, kollox imdawwar bl-egħlieqi u l-plajjiet, kollox imbierek b'arja mill-aktar safja.



*"Tal-Lenġikk" jew 'Tax-Xirmi"*



*Id-dar magħrufa tal-Familja Dandalona*



*Id-dar "taċ-Ċombos"*

Minn ħdejn is-Santwarju tal-Kunċizzjoni, aktar u aktar minn fuq iċ-ċimiterju sabiħ li għandna għad-dell tiegħu, wieħed jista' jgawdi panorama oħra ta' raħalna, mżewwaq kif inhu bil-bini antik u modern. Għajnejk jistrieħu fuq il-Wied tal-Marġa, u jistkennu taħt il-blat jew fuq s-sisien tiegħu tilmaħ ukoll djar oħra antiki mġarrfin u mitluqin. Anke dawn kienu jgħammru fihom in-nies tagħna tliet mitt sena ilu. Kienu djar mifruxa mar-raħal kollu, uħud qishom vilel imdawra bir-raba, uħud irziezet magħluqa b'ħitan kbar, u oħrajn marbuta flimkien qishom katina matul it-toroq tal-Wardija, f'Tas-Simar, u fit-Triq tal-Kunċizzjoni.

Id-djar mibnija fil-widien u fuq is-sisien kienu komuni ħafna fl-antik. Insemmi b'eżempju "Id-Dar ta' Martin", weħidha tiddomina l-Wied "Ta' Kordina" li jiġi lejn ix-xlokk fuq in-naħat ta' wara s-Santwarju. Fi żmienha, dan il-wied sabiħ imperreċ fuq il-fliegu bejn Għawdex u Kemmuna, kien kollu siġar tal-frott u raba maħdum u mżewwaq bi lwien sbieħ li jbiddlu ma' kull staġun. Anke din id-dar illum hija ħerba sħiħa bħal oħrajn li semmejna.

Id-dar "Ta' Martin" bdiet tiġġarraf madwar sittin sena ilu. Jum wieħed Martin kien qed jistrieħ fiha wara x-xogħol fil-għalqa. Ħadu l-għatx u ħareġ biex iġib l-ilma mill-mina li hemm fil-qrib. Meta reġa' lura, ħa l-ikbar xokk ta' ħajtu: sab is-saqaf tal-kamra fejn ftit qabel kien qed jistrieħ, imġarraf kollu. Martin baqa' jgħid ħajtu kollha li l-Madonna tal-Kunċizzjoni kienet ħarġitu minn hemm ġew dak inhar. . .

Nieqfu hawn. Dak kollu li ktibt f'dan l-artiklu jixhdu għalih l-istorja, it-tradizzjoni, u l-fdalijiet antiki li semmejt u li nikkonferma bir-ritratti. M'hemmx dubju li kienu dawn id-djar, imxerrdin mal-Qala kollha imma l-aktar fin-naħat tas-Santwarju tal-Kunċizzjoni, li l-aktar laqtu lill-Isqof David Cocco Palmieri fl-ewwel Vista Pastorali tiegħu f'Għawdex tliet mitt sena ilu (1687). Kienu dawn id-djar li dwarhom kiteb fid-dokument storiku ta' l-4 ta' Mejju 1687: *"habitationes dispersae"* (djar mifruxa) *"in distantia plus minus usque ad quattuor miliaria et ultra"* (f'distanza ta' madwar erba' mili jew aktar). Hawn qegħda r-raġuni fundamentali tat-twaqqif tal-parroċċa tal-Qala fl-1688.



***Id-dar "Ta' Martin" jew "Ta' Kordina"***



***Djar fil-"Wied tal-Marġa" jew f'"Tal-Ħalq"***